MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 145/2002

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Raymond Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra imputat Raymond Camilleri, karta tal-identita' numru 48779(M), akkuzat talli fir-Rabat, Malta, fid-19 ta' Frar 2002 ghal habta tad-9.00am:

1. ikkommetta serq ta' karozza numru EBA-474 tal-ghamla 'Renault 19' ta' kulur ahmar, li l-valur taghha huwa ta' aktar minn Lm1000 izda mhux aktar minn Lm10,000 ghad-dannu ta' Amadeo Zammit mir-Rabat, Malta, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa – bi ksur tal-Artikolu 261(c) (g), 279(b), 280(I) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ukoll talli fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' karozza numru numru EBA-474 liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Amadeo Zammit – bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. ukoll li fl-istess cirkostanzi saq karozza numru EBA-474 b'manjiera perikoluza u b'giri eccessiv;
4. ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta' Frar 1999.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom nghata lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi il-htija o meno tal-imputat fin-nuqqas ta' opposizzjoni li jigi processat u gudikat minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda,

Rat l-atti u d-dokumenti kollha'

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Fit-termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali l-imputat hu mixli ta' serq aggravat bl-ammont u n-natura tal-haga misruqa, ta'hsara volontarja, ta' sewqan perikoluz, u bi ksur ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

Il-fatti li johorgu mill-provi huma li fid-19 ta' Frar 2002 l-imputat kien ir-Rabat minn fejn ha vettura tal-marka Renault 19, numru ta' registrazzjoni EBA-474, kontra l-volonta' ta' sidha u sussegwentement, precisament l-ghada, gie intercettat u arrestat mill-pulizija u dana wara li l-imputat ghamel tentattiv sabiex jeludi l-arrest. Issa jinsab pruvat wisq car li l-imputat, anke bl-ammissjoni tieghu stess, kemm fl-istqarrija u fil- waqt li xehed f'dawn il-proceduri, illegalment impossessa ruhu mill-vettura, zamma ghandu, saqha u baqghet f'idejh ghal zmien konsiderevoli sakemm gie eventwalment intercettat u mizmum mill-pulizija. Jirrizulta wkoll pruvat a sodisfazjon

tal-Qorti li fil-mument li l-imputat intebbah bil-presenza tal-pulizija huwa saq il-vettura b'mod perikoluz f'tentattiv li jitlef it-tracci tieghu. Konsegwentement u sa dan l-istadju m'hemmx dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati ta' sewqan perikoluz

Issa l-imputat jinsab akkuzat ukoll bi hsara volontarja lill-vettura u s-serq taghha, li, fir-rigward ta' l-ewwel, jicchadha assolutament u, fir-rigward it-tieni, jsostni illi l-intenzjoni tieghu ma kinitx dik ta' serq izda li jaghmel uzu minnha.

Li fil-konfront tal-hsara r-ritratti esebiti mar-relazzjoni tal-espert tal-fotografija huma elokwenti bizzejjed u tali li ma jhallux dubbju f'din il-Qorti li l-hsara fil-vettura giet rejalment ikkagunata mill-imputat. Din il-hsara tirrizulta li giet kkawzata fl-ammont ta' Lm120. Li fir-rigward il-"furto d'uso" din il-Qorti mhiex qeghdha tirrijavvisa li l-ablazzjoni tal-vettura mill-imputat tammonta ghal "furto d'uso" u mhux serq. Fid-dawl tal-elementi kostituttivi tas-serq hemm is-segwenti fatturi li jimmilitaw kontra l-"furto d'uso". Fl-ewwel lok hemm l-laxitu ta' zmien (24 siegha) bejn meta l-vettura giet asportata sakemm eventwalment giet irkuprata mill-pulizija; fit-tieni lok hemm il-fatt li l-imputat fil-hin li gie intercettat mill-pulizija (24 siegha wara) kien qieghed isuq il-vettura mhux ir-Rabat jew fid-direzzjoni tar-Rabat minn fejn kien hadha izda fl-Imqabba. Fit-tielet lok ma kien hemm ebda ostakolu ghall-imputat li jirritorna l-vettura dik il-gurnata stess wara li kien mar biha fejn l-Imgieret biex jiltaqa' ma' missieru u wara li missieru rega' waslu hemmhekk. L-imputat ghalhekk ghandu jinstab hati wkoll ta' serq bl-aggravanti tal-valur u n-natura tal-haga misruqa.

Illi fil-konfront l-ahhar akkuza li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Artikolu 22 tal-Kap 446) mis-sentenza esebita fl-atti ghandu jirrisulta li din l-akkuza treggi wkoll kontra l-imputat.

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi ssib l-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Rat ghal finijiet ta' l-akkuzi odjerni l-Artikolu 261(c)(g), 279, 280 u 281, 325, 533, 31 u

17 tal-Kap 9, l-Artikolu 15 tal-Kap 65 u l-Artikolu 9 tal-Kap 152 illum Artikolu 7 tal-Kap 446. Dwar piena tiddecidi li ghal din id-darba tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum u timponilu multa ta’ Lm20.

Tapplika wkoll l-Artikolu 28H tal-Kap 9 u tikkundannah ihallas lill-Amadeo Zammit mhux oltre zmien ta’ sena mill-lum Lm120 in linja ta’ kumpensazzjoni ghal hsara kkagunata minnu fil-vettura ta’ l-imsemmi Zammit u wkoll fuq l-iskorta ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9 li jhallas lir-Registratur ta’ dawn il-Qrati l-ammont ta’ Lm27.60 spejjez inkorsi fin-nomina tal-espert tal-fotografija. Tiskwalifikah mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal tlett xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------